Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 183/2013/1

**The Mediterranean Wellbeing Company Limited [C 40909]**

**vs**

**Stephen Bajada [I.D. 363273 M]**

Il-Gimgha, 3 ta' Gunju, 2016.

Permezz ta' rikors prezentat fil-25 ta' Gunju 2013 l-attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), danni minhabba xoghol hazin li sar fuq il-bastiment M.Y. Drenec.

Il-konvenut wiegeb:

1. M'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici u dan stante illi huwa kien gie kkuntrattat jezegwixxi xogholijiet minn l-agent tas-sid tal-bastiment M.Y. Drenec, Ken Donaldson, ghall-istess bastiment;
2. Illi l-intimat Bajada nnega li huwa ezegwixxa xi xoghol hazin, negligenti jew kontra s-sengha u l-arti. Illi kien fil-fatt sid il-bastiment, li ghalih kienu saru x-xogholijiet, li rrenda t-twettiq tax-xoghol impossibbli u dan minhabba li dan beda jirrifjuta jhallas ghax-xogholijiet imwettqa minghajr raguni valida fil-ligi;
3. L-atturi ma tawx l-opportunita' sabiex isiru tiswijiet, u lanqas ma saret prova li sar xi tentattiv sabiex il-hsara tkun minimizzata. L-agent tas-sid tal-bastiment kecca lill-konvenut wara li rrifjuta li jhallas il-kumpens li kien dovut lill-konvenut.

Permezz ta' sentenza tad-9 ta' Novembru 2015, l-ewwel qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju.

L-attrici appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. Id-dokument a fol. 95 et seq., huma *res inter alios acta* ghall-attrici;

2. L-ewwel qorti qatt ma kellha tippermetti li dawk id-dokumenti jigu prezentati;

3. Dwar l-ezistenza ta' Relazzjoni Guridika o meno bejn il-partijiet. Mill-provi rrizulta li tezisti relazzjoni bejn il-kontendenti. Id-dokumenti li l-ewwel qorti rreferiet ghalihom sabiex waslet ghal konkluzjoni taghha, huma ghal kollox *res inter alios acta* ghall-attrici. L-attrici ma kinitx parti ghal ftehim li sar bejn il-konvenut u Sark Limited, u ghalhekk il-kreditu taghha ma setax jigi estint. Mill-provi jirrizulta li l-attrici ma kinitx qeghda tagixxi bhala agent tal-bastiment. L-attrici ma kellhiex bzonn il-permess ta' sid il-bastiment sabiex tharrek lill-konvenut, ghaliex kienet hi li ngaggat lill-konvenut.Tant hu hekk li l-attrici halset direttament lill-konvenut. Sahansitra meta kien jordna l-materjal, l-ordnijiet kienu jsiru f'isem l-attrici. Inoltre, f'email li baghat lid-direttur tal-attrici qal: "I am not your employee but a subcontractor". Kliem li jikkonferma li tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

Il-konvenut wiegeb:

1. Ghal rigward l-ewwel aggravju u cioe' il-kuntratt in data 27 ta' Jannar 2015 bejn Stephen Bajada u Sark Limited, jekk sid il-bastiment hallas lill-appellat bla rizerva fuq il-ftehim, isegwi illi l-obbligu ghal-hlas ghax-xoghol ezegwit mill-appellat kien jinkombi fuq is-sid u mhux fuq il-kumpannija appellanti. L-attrici kkonfermat li f'din il-kawza s-sid huwa estraneju. Il-fatt illi hemm terzi inkluzi ma jfissirx li huwa dokument irrilevanti. L-importanza ta' tali dokument jirrizulta proprju fil-qawwa li huwa ghandu bhala turija tal-fatt illi l-kumpannija attrici qatt ma kienet mistennija thallas lill-kuntratturi ingaggati mis-sid stess, qatt ma kienet mistennija tinnegozja maghhom dwar xi allegat danni sofferti mis-sid sforz xogholijiet ezegwiti fuq il-bastiment u wisq anqas ma qatt kienet mistennija tiftah kwalunkwe proceduri gudizzjarji sabiex potenzjalment tgawdi minn likwidazzjoni ta' danni li setghu kienu sofferti biss mis-sid tal-bastiment u mhux mill-kumpannija attrici appellanti;

   Illi dan id-dokument huwa rilevanti ferm ghal proceduri gudizzjarji odjerni proprju ghaliex jikkonferma (a) illi sid il-bastiment kien tant kuntent bix-xogholijiet ezegwiti li hallas il-pagamenti kollha dovuti minnu. Konsegwentament lanqas ma hemm ebda dannu kkawzat sforz negligenza u/jew nuqqas tas-sengha u l-arti da parte ta' l-intimat appellat; (b) illi l-ingagg ta' l-intimat appellat sar mis-sid tal-bastiment u kien ghalhekk li l-pagamenti kellhom jithallsu minnu; u (c) illi l-

kumpannija attrici qatt ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni sabiex tinnegozja f'isem sid il-bastiment, wisq anqas li tiftah tali proceduri kontra l-intimat appellat;

2. Ghal rigward it-tieni aggravju u cioe' l-istadju li fih tressaq il-kuntratt in data 27 ta' Jannar, 2015, bejn Stephen Bajada u Sark Limited, l-intimat wiegeb illi l-kumpannija attrici nsistiet illi dan il-kuntratt ma kellu qatt jigi pprezentat ghaliex dan kien gie pprezentat wara li l-intimat appellat kien ghalaq il-provi tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari. Insista wkoll illi l-kuntratt surreferit sab lilu nnifsu fl-inkartament minghajr ma l-intimat talab u ha l-awtorizazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex jipprezenta l-istess kuntratt;

   Illi, filwaqt li l-kumpannija attrici ipprovat tpingi l-ipprezentar ta' dan id-dokument bhala anomalija u dizrispett lejn il-procedura civili, tajjeb illi wiehed jinnota li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi ghal tali istanzi meta fl-Artikolu 204 (1) (b) jinghad illi jistghu jigu pprezentati provi sahansitra wara l-konkluzjoni tas-smiegh tal-kawza intiera cjoe' wara li z-zewg partijiet jaghlqu l-provi taghhom u wara li jkunu saru t-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet u dan wara li l-Qorti taghti l-awtorizazzjoni taghha: ***"Meta s-smigh tal-kawza jinghalaq ma tista' tinghata l-ebda xhieda ohra, hlief ghal raguni gusta u bil-permess tal-qorti".***

3. Ghal rigward it-tielet aggravju, fl-affidavit ta' Kenneth William Donaldson iddikjara illi huwa kien qed jagixxi f'isem il-bastiment jew ahjar f'isem is-sid tal-bastiment u oltre' minn hekk, Donaldson innifsu di fatti kkonferma li Dr. Eric Souetre bhala direttur tas-socjeta' sid il-bastiment, kien direttament involut fl-ghazla tal-kuntratturi li jkunu ser jahdmu abbord.

   Illi rrizulta car allura illi l-kumpannija attrici qatt ma kellha l-irwol li f'isimha proprju timpjega kuntratturi sabiex jezegwixxu xi xogholijiet fuq l-imsemmi bastiment. Iktar minn hekk, huwa d-direttur tal-kumpannija attrici stess li indirettament bil-gurament tieghu kkonferma illi kien sid il-bastiment li ngaggja lil Stephen Bajada u mhux il-kumpannija appellanti. Di fatti, wara li Donaldson ta deskrizzjoni tax-xoghlijiet li kellhom jigu ezegwiti fuq il-bastiment in kwistjoni fosthom anki dawk tal-arja kondizzjonata, izid jghid li l-kumpannija attrici kellha l-irwol biss li tirrikomanda l-kuntratturi li setghu jezegwixxu tali xogholijiet: *"A specialist contractor was required to execute these*

*works.* ***The Mediterranean Wellbeing Co. Ltd. was to recommend such a contractor****."*;

Illi deher bic-car illi wara li ndunat li l-verita' tizvela li ma hemm l-ebda relazzjoni gudizzjarja bejn il-partijiet tal-kawza odjerna, il-kumpannija attrici ddecidiet tbiddel il-verzjoni taghha u issa qieghda tghid illi kienet hi li kienet tingagga l-kuntratturi u mhux sempliciment tirrikomandahom;

Illi turija tal-fatt illi l-intimat appellat kien direttament ingaggjat mill-kumpannija Sark Limited u mhux mill-kumpannija attrici huma proprju l-fatturi li l-intimat appellat kien sa minn dejjem johrog direttament f'isem il-bastiment innifsu M.Y. Drenec u mhux f'isem il-kumpannija attrici. Il-kumpannija attrici qatt ma talbet lill-intimat appellat jikkoregi l-isem tal-klijent indikat fuq il-fatturi u di fatti l-isem tal-klijent sa minn dejjem kien il-bastiment inniffsu;

Illi gialadarba l-ingagg qatt ma kien sar bejn il-kumpannija attrici u l-intimat appellat, izda minflok tali ingagg sar direttament mas-sid, ma tista' qatt tirrizulta ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet tal-kawza odjerna. Kwalunkwe allegazzjonijiet ta' danni jistghu jirrizultaw biss bejn l-intimat appellat li kien qieghed jahdem fuq il-bastiment in kwistjoni u s-sid tal-bastiment. Kwalunkwe nuqqasijiet li allegatament sehhu *da parte* tal-intimat appellat kienu ser ikunu a detriment wahdieni tas-sid tal-bastiment: (i) huwa s-sid tal-bastiment li jew kien ser igawdi minn tali xogholijiet jew jigu kkawzati danni lilu sforz xoghol negligenti u mhux skont is-sengha u l-arti; (ii) kien is-sid tal-bastiment li kien qed ihallas ghax-xogholijiet ezegwiti mill-intimat appellat u allura li kieku huwa minnu li x-xoghol kien wiehed difettuz, kien hu li jkun qed jaghmel pagamenti mhux misthoqqa lill-intimat appellat;

Il-fatt illi kienu inhargu xi pagamenti minn cheque book tal-kumpannija attrici lanqas ma hi prova bizzejjed li l-pagamenti kienu ultimament johorgu minnha u mhux mis-sid tal-bastiment. Illi l-kumpannija attrici hija konvenjentament siekta fuq ir-relazzjoni li hija kellha mas-sid tal-bastiment cjoe' Sark Limited specjalment dwar kif hija kienet tithallas kemm ghal xogholha u specifikament ghal dawk il-flejjes li hija kienet tohrog sabiex thallas lill-kuntratturi ingaggati mis-sid stess. Lanqas ma tikkonferma jekk il-kumpannija attrici bhala *project manager*, kinitx inghatat bilanc sabiex tkun tista' thallas lill-kuntratturi.

Wara li l-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tosserva:-

1. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:

   *"Jirrizulta minghajr ebda dubju, illi x-xoghlijiet kollha illi dwarhom is-socjeta rikorrenti kienet qed tilmenta saru lkoll fuq il-bastiment MY Drenec.*

   *Jirrizulta illi l-bastiment MY Drenec u s-sid taghha Sark Limited, qatt ma hadet passi legali kontra s-socjea rikorrenti ghax-xoghol hazin illi kien ghamel allegatament l-intimat.*

   *Jirrizulta wkoll illi l-bastiment MY Drenec u s-sid taghha Sark Limited, qatt ma awtorizza lill-istess socjeta rikorrenti sabiex, ghan-nom taghhom, tibda xi procedimenti legali ghal xoghol hazin illi kien ghamel l-intimat.*

   *Jirrizulta, ghalhekk, illi ma kien jezisti ebda ness guridiku bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat stante illi l-istess intimat kien qieghed jaghmel ix-xoghol ghal bastiment MY Drenec u s-sidien taghha, Sark Limited, u di fatti, l-istess sidien ftehmu mal-intimat u rrizolvew il-pendenzi ta' bejniethom.*

   *Ma jirrizulta minn imkien, mill-provi tas-socjeta rikorrenti, illi d-danni minnha pretizi kienu jmorru oltre dawk relatati max-xoghlijiet illi ghamel l-intimat fuq il-bastiment MY Drenec.*

   *Ghalhekk l-eccezzjoni imqajjma mill-intimat illi ma kienet tezisti ebda relazzjoni guridika bejnu u bejn is-socjeta rikorrenti hija wahda valida u timmerita illi tigi akkolta."*

2. Id-danni li tippretendi l-attrici huma relatati max-xogholijiet li l-konvenut wettaq fuq il-bastiment MV Drenec. Ken Donaldson, direttur tas-socjeta attrici, xehed:

   *"I say that I was a project manager taking care of a refit of a large boat for a French client and I had a requirement for an air-conditoning and a plumbing contractor."*

   Il-qorti fehemet li kienet l-attrici li ngaggat lill-konvenut, minkejja li ma jirrizultax li sar ftehim bil-miktub. Il-fatt li l-attrici kienet *project manager*, m'hijiex prova[1] li ma kellhiex relazzjoni diretta mal-konvenut. F'dan ir-rigward hu rilevanti li:-

   i. Fil-kawza **Stephen Bajada vs kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-Bastiment M/Y Drenec** (Rikors 260/2011), Sark Limited[2] argument li ma kien hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnha u Stephen Bajada. Qalet ukoll: *"7. Illi*

[1] Kif argumenta d-difensur tal-konvenut quddiem l-ewwel qorti (ara traskrizzjoni tat-trattazzjoni).
[2] Li l-qorti fehemet li hi s-sid tal-bastiment.

*l-bastiment eccipjent kien inkariga lis-socjeta registrata gewwa Malta bl-isem The Mediterranean Wellbeing Company Limited sabiex din tkun tista' taqdi l-funzjoni ta' project manager rigward ix-xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-bastiment eccipjent, **liema socjeta kienet tinnegozja l-kuntratti mal-appaltaturi diversi direttament.**"* (enfazi tal-qorti, fol. 59). Kliem li jikkonferma l-verzjoni tal-attrici li kienet hi li personalment ngaggat lill-konvenut. Sahansitra fl-istess twegiba talbet li s-socjeta attrici tissejjah fil-kawza.

ii. L-attrici ghamlet diversi pagamenti lill-konvenut[3]. F'dan ir-rigward ukoll f'ittra legali datata 11 ta' Lulju 2011 u ndirizzata lill-bastiment MY Drenec (fol. 56), id-difensur tal-konvenut kiteb: *"My client furthermore highlights the fact that said works manager has repeatedly **breached the agreement between them**, namely that of settling all dues at the end of every week and indeed today there is an outstanding balance of €8,619.37 due to my client (inclusive of legal costs to date)."* (enfazi tal-qorti, fol. 56).

iii. Il-materjal li kien qieghed juza l-konvenut kien qieghed jinxtara minghand M.A. & A Services Ltd u l-invoices kienu qeghdin jinhargu f'isem l-attrici (fol. 69-78). Jirrizulta li l-attrici hallset is-somma ta' €3,000 lil dik il-kumpannija (fol. 68). Indizji ohra li juri li l-attrici ma kinitx semplici agent.

iv. F'email datata 17 ta' Gunju 2011 li l-konvenut baghat lil Ken Donaldson, qallu: *"and I will mention it again I am not your employee **but a subcontractor** that will execute any works required in time."* (fol. 18). Donaldson stess fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014 xehed: "..... at a certain stage I met with Mr Kevin Portelli on the boat and we were seeing what works had to be done. There was also present Stephen Bajada himself, and at a certain stage Mr Portelli told me to be preferable if Stephen Bajada is paid directly by myself.... It was preferable if I would deal directly with Stephen Bajada on the works which were to be carried out." (fol. 65). Indizji ohra li l-konvenut kellu relazzjoni diretta mas-socjeta attrici.

[3] Ara kopja ta' sitt cekkijiet a fol. 82-87.

v. Jirrizulta li l-attrici ngaggat terzi biex jaghmlu xoghlijiet fuq il-bastiment, li ssostni li kien hemm bzonn li jsiru minhabba x-xoghol fqir li ghamel il-konvenut[4]. Il-kontijiet inhargu fil-konfront tal-attrici (fol. 33 u 36). Mill-provi ma rrizultax jekk il-hlas sarx jew ghadx irid isir. Madankollu jibqa' l-fatt li hemm prova li l-attrici hi reponsabbli ghall-hlas li permezz ta' din il-kawza qeghda tipprova tirkupra minghand il-konvenut.

vi. Email datata 12 ta' Lulju 2011 li Eric Souetre ta' Sark Limited baghat lil Ken Donaldson fejn qallu:

*"Dear Ken,*

*At this point, **you have to take a decision**, but I believe it is dangerous and inappropriate to keep Steve on board.*

1) *You should give him a clear notice of dismissal*
2) *Make sure he cannot come back on board the boat (inform Cassar and Javier)*
3) *Stop any payment until further notice.*
4) *Find urgently another supplier (as you should have done before, as this problem is not the first one).*

*I stand behind you as well and I have not responded to his numerous direct calls to me."*

Hu evidenti li fl-email jinghad li d-decizjoni kellha tittiehed mill-attrici proprju ghaliex kienet l-attrici li ngaggat lill-konvenut. Li kieku l-attrici kienet qeghda tagixxi biss bhala agent ta' Sark Limited, il-logika tghidlek li Souetre kien **jordna** li Bajada jitkecca u mhux ighid lil Donaldson *"you have to take a decision"*.

Hu veru li l-konvenut ipprezenta sensiela ta' invoices li hareg (fol. 42-55) fejn jissemma isem il-bastiment bhala klijent. Pero' mill-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq il-qorti tibqa' tal-fehma li l-unika konkluzjoni li tista' ssir hi li **tezisti relazzjoni guridika bejn il-kontendenti**.

3. Hu minnu li rrizulta li l-attur u Sark Limited waslu fi ftehim u Bajada thallas il-pendenzi li kellu. Dan wara li harrek il-bastiment ghas-somma ta' €8,989.62. Pero' kif qalet l-attrici, qatt ma kienet parti ghall-kuntratt

[4] Materja li dwarha ghad iridu jitressqu l-provi.

iffirmat tas-27 ta' Jannar 2015. Meqjus dak li nghad hawn fuq, ghal din il-qorti dak il-kuntratt m'huwiex prova li Bajada kien gie ngaggat minn Sark Limited. Wiehed ma jistax jinjora r-retroxena wara dak il-kuntratt, cjoe' kawza kontra l-bastiment u mandat ta' arrest (2316/2011). Meta tqies dak li nghad hawn fuq, il-qorti tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' sid il-bastiment iddecieda li ma jkomplix jikkontesta l-kawza u minflok ihallas somma flus biex b'hekk jillibera l-bastiment. B'daqshekk il-jeddijiet tal-kumpannija attrici ma gewx pregudikati.

4. Ghal dak li jirrigwarda d-dokumenti a fol. 95 sa 99, peress li l-appell ser jintlaqa' m'hemmx htiega li jigi kkunsidrat l-ilment tal-attrici li d-dokumenti messhom gew sfilzati ghaliex fl-istadju li gew prezentati l-konvenut kien diga' ddikjara li m'ghandux iktar provi fuq l-ewwel eccezzjoni.

5. ghamlet l-attrici m'hemmx bzonn jigi kkunsidrati gialdarba l-appell ser jintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru 2015 u tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura lill-ewwel qorti sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.